MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF LAWRENCE QUINTANO

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2012

Appell Kriminali Numru. 77/2011

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Michael Debono**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellat detentur tal-karta tal-identita` numru 371953(M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fil-kwalita` tieghu ta' Direttur ta' 'M.A. Supermarkets Ltd.' Ta' Triq il-Pitkali, Marsa, talli fis-27 ta' April, 2001 u qabel din id-data naqas li jhallas lil Alex Tonna, Robert Chircop, Claudette Sciberras, Randolph Spiteri, Paul Grech, Mary Sharrock paga, sahra, bonus u allowance tal-gimgħa kif hemm spjegat fil-prospett anness maċ-citazzjoni.

Naqas ukoll li jagħti lil Robert Chircop, Claudette Sciberras, Paul Grech u Mary Sharrock erba' gimgħat ta'

avviż ta' temm ta' impjieg kif hemm ukoll spjegat fl-istess prospett.

Il-Qorti ġiet mitluba li tordna lill-akkużat li jħallas lil Alex Tonna, Robert Chircop, Claudette Sciberras, Randolph Spiteri, Paul Grech, Mary Sharrock l-ammonti dovuti lilhom kif hemm spjegat fil-prospett.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-8 ta' Frar, 2011, fejn wara li rat l-artikoli 23, 29, 34, 41 tal-Kapitolu 135 tal-Ligijiet u l-Avviż Legali 112.1999 ikkundannat lill-imputat iħallas lil Alex Tonna is-somma minnu kkalkulata ta' €605.80 (Lm260.00). L-imputat kellu wkoll iħallas lil Paul Grech is-somma ta' €524.25 (Lm225.00) ekwivalenti għal paga u notice. L-imputat huwa kkundannat ukoll iħallas lil Mary Sharrock is-somma ta' €1250.79 (Lm536.82) skond il-claim minnha avvanzata.

Wara li rat l-artikolu 41 tal-Kapitolu 135 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatu wkoll ihallas multa fl-ammont ta' €116.50.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-16 ta' Frar, 2011, fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka is-sentenza tat-8 ta' Frar, 2011 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali billi ssib l-appellant mhux ħati ta' l-akkużi u tilliberah minnhom u fin-nuqqas tagħti piena aktar ġusta u ekwa.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti u  cioe':-

Illi l-aggravju huwa car u manifest u dan jinsab fil-fatt li ma sarx apprezzament tajjeb ta' provi mill-Ewwel Qorti, stante illi l-ewwel Qorti ma tatx il-valur legali tax-xhieda li ta l-appellant fejn spjega li s-socjeta MA Supermarkets Limited spiċċat fi problemi finanzjari u f' April, 2001 kienet

marret għal-likwidazzjoni volontarja. Fil-fatt kien hemm diversi mandati ta' sekwestru u ta' qbid kontra l-imsemmija kumpanija u anki kontra l-appellant personalment. Bil-konsegwenza li l-kumpanija ma setgħetx tħallas lill-kredituri tagħha u anki lill-impjegati tagħha.

Illi mill-provi prodotti jidher car minbarra stralċ volontarju, kien hemm wkoll stralċ ġudizzjarju, fejn kien gie appuntat stralċjarju, Simon Vella. Skont l-artikolu 238 ta' Kap 386 jidher car li l-appellant bħala Direttur tas-socjeta' MA Supermarkets Limited tilef kontroll assolut ta' l-amministrazzjoni tal-kumpanija u anzi kien ġie inibit milli jkollu xi funzjoni fil-kumpanija. L-appellant jissottometti li fil-fatt kien hemm kont bankarju fl-HSBC li l-istralċjarju seta jħallas l-impjegati, iżda naqas milli jagħmel hekk. L-appellant personalment ma setax jeffetwa hlas ghaliex ma kellux is-setgħa li jiffirma ċekkijiet għas-soċjeta' u hu ma kellux fondi ghaliex kellu numru ta' sekwestri kontra tiegħu personalment.

Illi l-esponent jissottometti li l-Artikolu 46 tal-Kap 452 jsemmi direttur ta' soċjeta' bhala wieħed mill-ufficjali ta' soċjeta' li huwa responsabbli kriminalment, iżda l-artikolu jgħid:

*Direttur, manager, segretarju jew ufficjal ieħor bħal dawk ta' dik is-socjetá, kumpanija,*

Illi bil-kelma "jew" il-legislatur qed jindika li wiehed huwa sufficjenti sabiex ikun responsabbli kriminalment għan-nuqqas ta' ħlas ta' paga u m'huwiex tassattiv li d-direttur ikun responsabbli hu. L-appellant jissottometti li l-ufficjal ieħor li huwa responsabbli huwa l-istralcjarju li kellu kontroll assolut ta' l-amministrazzjoni tal-kumpanija.

Illi l-appellant ma jaqbilx ma' l-Ewwel Qorti li tghid li kull ma qal kien li l-kumpanija 'marret in liquidation' u ma ġab l-ebda linja ohra difensjonali oħra. Il-fatt li socjeta' tmur in liquidation tneħħi l-amministrazzjoni minn idejn id-diretturi u ufficjali ohra ta' soċjeta'. Bħala konsegwenza ma kellu l-

ebda poter biex jevita r-reat iseħħ, kif titlob l-istess artikolu 46 ta' Kap 452.

Semgħet it-trattazzjoni

Ikkunsidrat

Il-Qorti fliet l-atti kompilati mill-ġdid. Minnhom jirriżulta li meta xehed Ivan Spiteri huwa qal li sitt impjegati tal-kumpanija MA Supermarkets kienu marru jirrapportaw li kellhom jieħdu xi flus mill-kumpanija li kienet għalqet u ppreżenta l-prospett ta' kemm kellhom jingħataw kull wieħed.

Skont dokument ippreżentat fit-13 ta' Frar 2002, l-imputat kien għadu direttur tal-kumpanija sat-23 ta' Mejju 2001, jiġifieri sa lejliet meta l-kumpanija kienet 'dissolved.' (fol 14 u 16.

Xehdu wkoll Alex Tonna (fol 17), Paul Grech (fol 22), Mary Sharrock (fol 33) dwar l-ammonti dovuti lilhom. (Ara wkoll is-sentenza a fol 24 tal-proċess li fiha hemm dettaljat kull impjegat kemm kienu jammontaw il-ħlasijiet pendenti). Dawn huma l-claims li kienu ppruvati għaliex l-oħrajn ma tressqux provi dwarhom.

Xehed (darbtejn 13 ta' Marzu 2007 u 20 ta' Novembru 2007) l-appellant Michael Debono li kkonferma li huwa kien Direttur tal-Kumpanija MA Supermarkets Limited. Huwa kkonferma li l-claimants kienu jaħdmu mal-Kumpanija msemmija u li l-kumpanija kienet fi stat ta' likwidazzjoni. Xehed ukoll li meta ġew għal-likwidazzjoni il-likwidaturi kienu qalulu biex ma jħallasx aktar. Kien hemm flus fil-kumpanija biex jitħallsu l-impjegati (fol 56). Dawn issa kineu qegħdin f'idejn il-likwidatur. Iżda huma ma setgħux joħorġu flus għaliex kienu jħallsu kull xahar. Kien hemm garnishee order fuq il-kumpanija. Filfatt il-kont li kien hemm mal-Bank of Valletta biex jitħallsu l-impjegati kien milqut mill-mandat ta' sekwestru. Huwa kien ta handing over tal-kontijiet li kien hemm.

L-aggravju ewlieni tal-appellant huwa li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma qisitx il-fatt li huwa kien tilef il-kontroll fuq il-kumpanija minħabba li kien inħatar stralċjarju.

It-tieni aggravju huwa dwar l-interpetazzjoni tal-artikolu 46 tal-Kap 452 u d-difiża qed issaqsi għala ingħażel l-appellant u mhux ħadd ieħor la l-artikolu jsemmi diversi karigi. Sa l-jum li fih saret it-trattazzjoni, il-likwidazzjoni tal-kumpanija kienet għadha għaddejja.

Dwar l-ewwel aggravju, mis-sentenza jidher li l-Qorti qieset tajjeb il-claims li ġew ippruvati u l-claims li ma kinux ipprovati. Dwar ir-rwol tal-appellant, l-Ewwel Onoroabbli Qorti rreferiet għad-dokument esibit a fol 16 u maħruġ mill-MFSC li juri li l-appellant kien direttur fis-27 t'April, 2001 (u qabel). Dawn huma d-dati li jidhru fiċ-ċitazzjoni u li l-kumpnaija kienet 'xolta' fl-24 ta' Mejju 2001.

Mela m'hemmx dubju li l-imputat kien direttur tal-kumpanija msemmija fid-data indikata fiċ-ċitazzjoni kif ukoll fil-perjodu ta' wara. Id-diretturi l-oħra rriżenjaw.

L-artikolu 46 tal-Kap 452 jgħid hekk:

***'46. Meta reat kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi regolamenti jew ordnijiet magħmula bis-saħħa tiegħu jsir minn soċjetà, kumpannija, għaqda jew korp ieħor ta' persuni, kull persuna li fiż-żmien li jkun sar ir-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor bħal dawk ta' dik is - soċjetà, kumpannija, għaqda jew korp ieħor ta' persuni jew kienet tidher li qed taġixxi f 'xi kariga <u>tali titqies li tkun ħatja ta' dak ir-reat jekk ma tippruvax li r-reat sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li kienet eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex timpedixxi l-għemil tar-reat.'</u>***

L-appellant jissottometti li dan l-artikolu ma jfissirx li l-Prosekuzzjoni tista' tagħżel lil min trid hi. Ma' din is-sottomissjoni l-Qorti bir-rispett kollu ma taqbilx. Dan huwa Att intiż biex jieħu ħsieb l-impjegat u l-Leġislatur **<u>ta għażla wiesgħa</u>** apposta biex meta ħaddiem ikun impjegat ma'

soċjeta' jew kumpanija xi ħadd ikun responsabbli għal dak li jiġri. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad dan l-aggravju.

L-ewwel Qorti qalet hekk:

'Ftit għandha x'iżżid din il-Qorti ħlief li Michael Debono kien responsabbli għall-paga dovuti qua direttur, li dawn il-claims huma ppruvati.'

L-artikolu hawn fuq riprodott jaqleb l-oneru tal-prova minn fuq il-Prosekuzzjoni għal fuq id-difiża. Jiġifieri, ġaladarba m'hemmx dubju li l-appellant kien direttur tal-kumpnaija fiż-żmien imsemmi, jispetta lilu li jipprova li reat sar mingħajr it-tagħrif tiegħu u kien uża diliġenza kollha xierqa biex jimpedixxi l-għemil tar-reat.

Tip ta' artikoli bħal dan jinsabu fil-leġislazzjoni ta' bosta pajjiżi. Filfatt meta l-Gvern ta' Malta rratifika l-Konvenzjoni Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kien għamel riserva apposta dwar dan li llum tidher fil-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Kummissjoni (l-organu antik li kien jifforma parti mill-makkinarju tal-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem) fil-fatt stħarreġ każ kontra Malta dwar l-applikazzjoni tal-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpetazzjoni li għandu l-istess provvediment bħall-artikolu li jidher aktar 'il fuq. F'dak il-każ[1] il-Kummissjoni kienet qalet hekk:

'*The Commission recalls that presumptions of fact or of law operate in every legal system and that while the Convention does not prohibit such presumptions in principle, Article 6 para. 2 (Art. 6-2)*
*requires States to confine them within reasonable limits which take into account the importance of what is at stake and maintain the rights of the defence (see e.g. Eur. Court H.R., Salabiaku judgment of 7 October 1988, Series A no. 141A, pp. 15-18, paras. 28-30).*

*The Commission notes that in the present case the legislation provides that a director of a company is presumed guilty of an offence committed by the company*

---

[1] AG versus Malta 10 ta' Diċembru 1991

*unless he proves that the offence was committed without his knowledge and that he exercised all due diligence to prevent the commission of the offence. The applicant was therefore provided under the legislation with the possibility of exculpating himself. The Commission does not consider that the conditions, which required the applicant to prove that he had no actual knowledge of the offence and also was not negligent in his duties as an officer of a company, were self-contradictory or imposed an irrebuttable presumption. The Commission further finds that the Maltese courts enjoyed a genuine freedom of assessment in this area and that there is no indication that Article 13 of the 1975 Act was applied to the applicant in a manner incompatible with the presumption of innocence.'*

Għalhekk ma hemm xejn fl-artikolu 46 tal-Kap 452 li jmur kontra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem għaliex lill-imputat jew akkużat jagħtih iċ-ċans li jġib provi dwar x'għamel jew seta' jagħmel. Għalhekk il-Qorfti mhix ser tieqaf biss fuq il-pożizzjoni li kellu l-appellant iżda ser teżamina wkoll jekk l-appellant kienx ġab provi biżżejjed fuq bilanċ ta' probabilita' li huwa għamel li seta' biex il-ħaddiema jitħallsu.

U dan huwa l-qofol tal-aggravju l-ieħor. Mid-depożizzjoni tal-appellant stess jirriżulta li fil-jiem indikati fiċ-ċitazzjoni kien hemm fondi biżżejjed biex jitħallsu l-ħaddiema u li hu kien għadu direttur sat-30 t'April, 2001 ( u wara)[2]. Il-Kumpanija kienet xolta fl-24 ta' Mejju, 2001. L-appellant jgħid li qalulu biex ma jħallasx. Fil-fehma tal-Qorti din ir-raġuni waħidha mhix biżżejjed. Iżda huwa ddepona li kont li fil-BOV li minnu kienu jitħallsu l-ħaddiema kien milqut b'mandat ta' sekwestru. Il-pagi li kellhom jieħdu l-ħaddiema kienu għax-xahar t'April 'wara li kien hemm is-sekwestru' (Ara fol 64).

Issa l-artikolu 1155 tal-Kap 16 jgħid hekk:

[2] Mid-dokument ippreżentat (a fol 16) hemm indikat biss meta d-diretturi l-oħrajn kienu rriżenjaw iżda m'hemm ebda indikazzjoni ta' xi data dwar l-appellant.

**‘1155.** Il-ħlas magħmul mid-debitur lill-kreditur tiegħu bi ksur ta’ mandat ta’ sekwestru, jew ta’ ordni ieħor tal-qorti, ma jiswiex kontra l-persuni li favur tagħhom il-mandat jew l-ordni jkun ġie mogħti; u dawn il-persuni jistgħu, għall-jeddijiet tagħhom, iġiegħlu lid-debitur iħallas mill-ġdid, bla ħsara tal-jedd tiegħu ta’ regress kontra l-kreditur.’

Prattikament dan l-artikolu qiegħed iwaqqaf lill-Bank milli joħroġ xi pagament, imqar jekk b’intenzjoni tajba li jkunu soddisfatti l-kredituri – f’dan il-każ il-ħaddiema. Jekk il-Bank ma jobdix l-ordni tal-Qorti, il-Bank ikollu jħallas mill-ġdid.

Fil-fehma tal-Qorti l-appellant kien sab ruħu ma jista’ jagħmel xejn ġaladarba kien hemm dan is-sekwestru fuq il-kont li minnu kienu jitħallsu l-ħaddiema. Barra minn dan, malli daħal l-istralċjarju, l-amministrazzjoni għaddiet f’idejn l-istralċjarju. Kien l-istralċjarju li kellu jara li l-ħaddiem jieħdu dak li kellhom jieħdu.

Għaldaqstant il-Qorti qed tilqa’ it-tieni aggravju tal-appellant u qegħda għalhekk tirrevoka s-sentenza tat-8 ta’ Frar 2011 fl-ismijiet ‘Il-Pulizija vs Michael Attard’ fejn instab ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih u kien ikkundannat iħallas lill-claimants s-somom dovuti minnhom kif ukoll li jħallas multa ta’ €116.50 u minflok qed tilliberah minn kull ħtija u piena.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbagħat lill-istralċjarju li huwa resposnabbli mil-likwidazzjoni ta’ M.A.Supermarkets Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------